VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

Il-Hamis 11 ta' Mejju 2023

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Ufficcini tal-Kunsill Lokali fl-16:00 hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ppreseda din il-laqgħa.  Il-Kunsill qal it-talba.

### 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

51.1.1 Jurgen Briffa

### 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-minuti gew approvati.

### 51.3 Komunikazzjoni mis-sindku

51.3.1 Is-sindku informa lill-kunsill li l-klinika ser tibda tagħti servizz ta' Screening għall-Glaucoma. Għal dan is-servizz għadha trid toħroġ l-iskeda u ser jingħata bla ħlas.

51.3.2 Is-sindku informa lill-kunsill li peress li kien inqala' xi ġlied quddiem McDonalds u kien hemm aċċident fejn xi ħadd kiser siequ, il-pulizija ħadet passi biex ma jinġabrux iż-żgħażagħ quddiem McDonald's billi jitneħħew il-bankijiet ta' Triq ir-Repubblika u jinqata' l-wifi ta' quddiem McDonald's.  Is-sindku jixtieq li l-bankijiet jerġgħu jitpoġġew lura f'posthom imma l-pulizija ma jaqblux ma' dan.

VF fakkar li xi 4 snin ilu Aġenzija Żgħażagħ kienet torgannizza xi attivitajiet fil-weekends biex tiġbor lil dawn iż-żgħażagħ.
Is-sindku ssuġġerrixxa illi nhar ta' Sibt jibdew isiru non-alchoholic parties fi Ġnien Laparelli.
RA jaħseb illi l-pulizija neħħew dawn il-bankijiet biex inaqqsu r-rondi u li hemm bżonn jiżdiedu r-rondi tal-pulizija.
Il-kunsill qabel li tinkiteb ittra lil-pulizija biex dawn il-bankjiet jitpoġġew liura. Din ser tintbagħat lill-ispettur tal-Belt Valletta u lil-kummissarju.

51.3.3 Is-sindku tkellem ukoll dwar il-problema tat-tappieri tal-arbli li hemm fiċ-ċentru u li magħhom iweġġgħu ħafna nies. Il-kunsill qabel li tintbagħat ittra uffiċċjali qawwija lill-Cleansing Department.
CM jixtieq li ssir laqgħa ma' Ramon Deguara tal-Cleansing biex jiddiskutu miegħu xi affarijiet.

51.3.4 Is-sindku semma li kellu xi lmenti minn residenti li Tal-Linja fil-Belt Valletta ma tgħaddix b'mod frekwenti u għalhekk hemm ċertu residenti li ma joħorġux minn djarhom.  Ser tinkiteb ittra lill-Public Transport biex tinsab soluzzjoni dwar dan.

51.3.5 Is-sindku informa li kellu laqgħa mal-Bank of Valletta biex il-kunsill jixtri dawk il-karozzi ż-żgħar li jaħdmu bl-elettriku.
GA infurmat li dawn ma jistghux jinxtraw b'Direct Order għax l-ammont jaqbeż dak permess bil-liġi (qed jinbiegħu għal €50 000) u għalhekk trid iġġib permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Jekk il-Bank of Valletta iridu jtuhom bħala rigal, naċċettawh bil-qalb kollha imma dawn għandhom il-procurement tagħhom.
RA informa illi l-ispejjeż tal-manutenzjoni tagħhom mhux irħisa u li l-parts iridu jiġu mill-Ġermanja.
MSL qal illi trid tara jekk jigux worth it long term minħabba pagi, servizz etc.

51.3.6 Is-sindku informa li l-Bank of Valletta ta' Triq ir-Repubblika ser jagħmlu refurbishment. Dawn għandhom jibaghtu email lil GA.
CM fakkar fl-iscaffolding li hemm tal-Classic fi Triq ir-Repubblika.
RA staqsa jekk hemmx xi emails miktubin fuq dan u qal li wasal iż-żmien biex tintbagħtlu ittra bl-avukat biex iħallas.
AZ informa illi dan huwa proġett ilu wieqaf żmien.
RA qal li l-kunsill ta' Ħal Safi bagħat xi ittra lil xi ħadd biex ineħħi scaffolding għax ma kienx qed jintuża.

51.3.7 Is-sindku informa illi kellu meeting mas-sur Victor Spiteri tal-Water Polo fejn talbu xi għajnuna. Il-Gvern kien għadda l-pitch lill-kumitat tal-waterpolo u dawn ħarġu tender li ħadha s-Sur Dominic Micallef tat-Tattingers li jidher li falla. Is-sur Vic jixteq illi l-kunsill ikellem lill-Gvern biex ikun jista' jgħinu f'din il-kwistjoni.
AZ issuġġerixxa illi dan jiġi mistieden għal-laqgħa li jmiss biex jgħid il-verjżjoni tiegħu.
RA jaħseb illi s-sur Vic għandu jmur hu dirett għand il-PM biex bħala kunsill ma nindaħlux bejn il-Gvern u l-investituri.
AZ infurmah li l-kunsill għandu dover jgħin lill-għaqdiet sportivi Beltin.
AZ qal li huwa fl-interess tal-kunsill li dik l-area ma tibqax f'dak l-istat.

51.3.8 Is-sindku informa illi qiegħed f'komunikazzjoni ma' Matthew Dimech tal-BCRS biex jara meta ser issir il-magna ta' fejn il-Mużew tal-Gwerra. Dan infurmah li jekk joħroġ il-permess mill-MEPA (DNO / 00434 / 23 ) jiġi u jinstallaha mill-ewwel.
RA informa li jingħata servizz mill-Ministeru tal-Anzjanita Attiva biex joħdulhom il-boroż bil-fliexken tal-BCRS u jtuhom vouchers huma

51.3.9 Is-sindku informa illi kitiblu Holger Camilleri f'isem il-kumitat li qed jagħmel il-monument ta' San Pawl, fejn qallu illi huma jixtiequ illi din l-area tingħata isem. Huma ssuġġerew:

- Pjazza San Pawl
- Pjazza Nawfraġju ta' San Pawl
- Pjazza Nawfraġju,

CM ma jsibx problema biex ituha isem.
GA fakkrett illi hemm street naming committee li tieħu ħsieb dawn il-każijiet.
CM u RA qablu li din isemmuha Pjazzetta flok Pjazza għax tagħmel iktar sens.
AZ issuġġerixxa Pjazzetta Nawfraġju ta' San Pawl.

51.3.10 Is-Sindku jixtieq illi jitnehhew is-siġar kollha ta' Pjazza Regina għax hemm minnhom li huma slavaġ u qed jagħmlu ħsara fl-art. RA u GA fakkruh illi meta pprovaw ineħħu siġra oħra kellhom ħafna problemi mal-Bird Life u l-ERA.

## 51.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

51.4.1 Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li saret applikazzjoni biex il-ġnien Hastings iddawru b'ħadid simili għal dak li hemm fejn il-Bank of Valletta ta' fejn l-istess ġnien. Dan sabiex ikun hemm iktar sigurta' u jonqsu l-aċċidenti.

51.4.2 Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill illi marret għal xi laqgħat flimkien mal-kunsillier Lian Pace u s-Seg Parlamentari Keith Azzopardi Tanti biex jibdew isiru xi attivitajiet għaż-żgħażagħ.

51.4.3 GA infurmat illi attendiet għal-laqgħa dwar Pjazza Indipendenza. Il-kunsill kien qabel illi l-pjazza ssir *no parking* u li ser issir fishbone. 4 minn dawn ser ikollhom charging station biex jintużaw mill-ministeru. Il-5 l-oħra ser ikunu normali.

51.4.4 GA fakkrett illi fl-20 ta' Mejju ser isir Sports Day bi tħejjija għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa li se jsiru f'Malta. Il-kunsill ser jagħmel attivitajiet sportivi. Il-Closing ser issir fi Pjazza San Ġorġ.

51.4.5 GA infurmat illi s-Sindku ser isiefer għall-progett ta' Augusta flimkien mal-banda King's Own bejn it-22 u is-26 ta' Mejju 2023.

51.4.5 GA infurmat illi saru l-audits u li bagħtulha d-dokumenti mill-kumpanija tal-awdituri RSM. Dawn għamlu l-emendi tagħhom u issa ser nibagħtu dawn lil NAO.

51.4.6 GA infurmat illi kienet qed tiehu azzjoni b'zewg canfiriet miktubin, fil-konfront ta' l-impjegata LC. Dan wara li din naqset milli taqdi dmirha. Hi kienet inghatat hin u anke xoghol biex isir mid-dar u dan ma sarx. Hi qatt ma nfurmat lis-Segretarju Ezekuttiv u zammet kollox mistur dwar dawn in-nuqqasijiet. GA infurmat li talbet ghal-laqgħa mad-direttur tal-Finanzi minħabba l-issue li kellha fuq il-proġett tal-EU minħabba żball ta' €55,000 li ghamelt LC. GA għandha laqgħa mad-direttur tal-finanzi biex tkun

infurmata u anke l-htija ma tintefa qatt fuq is-Segretarju Ezekuttiv imma fuq min ghamel l-azzjoni hazina. L-impjegat li għamel dan l-iżball kellu jingħata rwoli oħra fil-kunsill anke jien issa l-kunsill ghandu impjegat zejjed bhala *staff compliment*. Ix-Xoghol tal-progetti ta' l-EU ser ikollha tassorbihom is-Segretarju Ezekuttiv. L-Avukat tal-Kunsill ser ikun qed jikteb lil LC biex tinzam personalment responsabli tan-nuqqasijet taghha. L-kunsill qabel dwar dan.

## 51.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

51.5.1 RA staqsa fuq kemm għandu karozzi il-kunsill.
GA infurmatu illi għandu tnejn imma dawn ser jinbidlu dalwaqt. Dawn ser ikunu karozzi automatic għax karozzi full electric ma jagħmlux sens minħabba li hemm ċans li ma sservilhomx c-charge waqt il-vjaġġi.

51.5.2 CM informa fuq il-problema li hemm fi Triq il-Lanċa.
GA infurmatu illi hemm proġett flimkien ma' Infrastructure Malta u l-Water Services fuq dan. Infurmat illi ilha tiddiskuti dan ma' Mark Bonavia mill-Housing minn qabel l-elezzjoni. Din it-triq ma saritx għax hemm problema kbira bid-drenaġġ fil-Belt Valletta. GA tkellmet ma' Mr Karl Cilia mid-Drainage Section għax ma trid tiftaħ imkien qabel ma tkun ċerta illi l-problemi tad-drenaġġ jistgħu jissolvew. L-ispejjeż ta' dan il-proġett ser isiru kollha minn Infrastructure Malta.

GA semmiet illi hemm problema simili fi Triq Sant' Orsla. Ser issir laqgħa mal-kuntrattur u mal-perit, u kif ukoll mal-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol u tad-Drainage Section.

RA semma illi ġaladarba jinfetah id-drenaġġ ser joħorġu numru kbir ta' ġrieden kbar ħafna u li jekk tagħmel maltempata qawwija hemm ċans kbir illi d-drenaġġ ifur.

51.5.3 RA issugerrexxi illi ssir ko-ordinazzjoni mal-pulizija minħabba l-Gay Pride li ser issir lejn l-aħħar tas-sajf.

51.5.4 RA qal illi l-kunsill irid jaħdem iktar fuq Hastings.
GA infurmat illi qed taħdem fuq dan.

51.5.5 MSL staqsa jekk hemmx xi updates fuq il-By-Law li ġiet diskussa fil-laqga li għaddiet.
GA infurmatu illi bagħtitha biex isiru xi suġġerimenti.

51.5.6 CM semma l-fatt illi ir-residenti ma ikunu jafu b'xejn.
GA talbithom biex jibagħtulha 3 ijiem meta ma jkollhom xejn biex fihom isiru l-laqgħat mar-residenti.

51.5.7 VF qal li is-sitwazzjoni tal-ħamiem hija tal-biki speċjalment fi Pjazza Reġina.

51.5.8 RA semma illi waqfuh xi nies li jmorru l-iskola ta' Sant'Iermu u talbuh li ssir zebra crossing.
GA infurmatu illi din diġa' saret.

51.5.9 RA fakkar fil-bins tal-Hornets. GA infurmatu illi dawn ser jinxtraw.

51.5.10 RA fakkar fil-bins tal-organic li kellhom isiru fejn l-appartamenti il-kbar.
GA infurmat illi ser titkellem ma' Leanne tar-Reġjun fuq dan.
(CM telaq kmieni)
RA infurma lill-kunsill illi l-kollettur lest li jislifna dawn il-bins mingħajr ħlas pero f'postijiet fejn hemm dawn il-bins l-iskart organiku jinġabar biss minn dawn il-bins.

51.5.11 RA staqsa fuq disabled parkings fejn hemm il-cranes. GA infurmatu illi din l-issue partikolari ġiet solvuta.

## 51.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

51.6.1 Nil

## 51.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

51.7.1 NIL

## 51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

April 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Zammit<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |